# Tifkira lil Emanuele Vitale




IRHAMA li tfakkar lil Emmanuele Vitale li kien mexxej tal-Maltin fi żmien ir-Rewwixta tagħhom kontra l-Franċiżi, u fl-istess żmien kien Rettur ta' l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp.

Din l-irħama tpoġġiet mal-ħajt tas-Santwarju Nazzjonali ta' San Ġużepp fejn 200 sena ilu kienu jiltaqgħu ir-Rabtin għall-ordnijiet li kien jagħtihom in-Nutar Emmanuele Vitale, u saret bl-inizjattiva tal-Kumitat Konġunt bejn il-Kunsill tar-Rabat u l-Kunsill ta' l-Imdina. Ġiet inawgurata mis-Sindku tar-Rabat, is-Sur Alfred Sharples nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru 1998 waqt id-daqq ta' Marċi mill-Banda L'Isle Adam.

Sar diskors importanti mis-Segretarju Ġenerali ta' l-Arċikonfraterita ta' San Ġużepp, is-Sur Anthony Casha. li ta tagħrif dwar il-ħajja u s-sehem tan-Nutar Emmanuele Vitale 200 sena ilu.

## IL-ĦAJJA TAN-NUTAR
# EMANUELE VITALE

L-ARĊIKONFRATERNITA ta' San Ġużepp ippublikat ktieb ta' 60 paġna dwar il-ħajja tan-Nutar Emanuele Vitale li kien mexxej tal-Maltin fi żmien l-okkupazzjoni tal-Franċiżi u kien Rettur u Benefattur ta' din il-Fratellanza antika. Il-ktieb inkiteb mis-Sur Anthony Casha li hu s-Segretarju Ġenerali tal-Fratellanza imsemmija.